




Kitba ta' Anton Camilleri

# Ħal Balzan fil-Gwerra

## *Djarju ta' ġrajjiet importanti li dan ir-raħal għadda minnhom fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija*

Ftit huma dawk li għadhom jiftakru t-Tieni Gwerra Dinjija sewwa, u li għexu l-mumenti diffiċli li l-poplu Malti kellu jgħaddi minnhom matul dak iż-żmien ikrah fl-istorja ta' pajjiżna. Kien għalhekk li f'dan l-artiklu tiegħi ħsibt biex niġbor dak li għadda minnu l-poplu Malti speċjalment dak Balzani u niktibhom forma ta'djarju, u dan biex nuri lil dawk li ma jiftakrux din il-ġrajja minn x'hix kellhom jgħaddu niesna biex gżiritna ma taqax taħt il-qawwiet Nażisti. Għalhekk ikun xieraq li bħal irħula oħra jsir xi monument jew lapida li tfakkar lil dawk li ħallew ħajjithom għal art twelidhom.

**Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju 1940**

Mil-lum beda jsir *blackout* speċjali mis-7.00pm sa tlugħ ix-xemx, u jibqa' jsir kuljum sa ma l-awtoritajiet jaraw li l-pubbliku kollu jkun dera. Fih l-ebda dawl m'għandu jidher mit-toroq u lanqas mill-ajru. B'hekk l-awtoritajiet jibdew jippreparaw lill-pubbliku għall-eventwalità ta' gwerra.[1]

**Is-Sibt, 18 ta' Mejju 1940**

Illum jagħlqu l-applikazzjonijiet għal dawk li jridu joffru ruħhom bħala *Air Raid Wardens*. Il-kumitat ċentrali ta' l-A.R.P. qed jorganizza korpi ta' *wardens* f'kull raħal. Għalhekk il-kumitat ta' kull distrett talab lil dawk l-irġiel li xtaqu joffru ruħhom għal dan is-servizz biex imorru jinkitbu għand is-segretarju tal-kumitat. F'Ħal Balzan dawk li jixtiequ jinkitbu jridu jmorru għand is-Sur V. Muscat ta' 11 Triq Santa Marija. Is-Soċjetà San Gabriel ukoll inkoraġġiet lill-membri tagħha sabiex jidħlu fl-*Air-Raid Precaution* (A.R.P.) u fl-i*Special Constabulary*.[2]

**It-Tnejn, 10 ta' Ġunju 1940**

Dak li ilna nistennew seħħ, l-Italja daħlet fi gwerra kontra l-Ingilterra u Franza u b'hekk Malta sabet ruħha fl-eqqel tat-taqbida. Illum stess sar l-ewwel attakk u mijiet ta' nies mill-inħawi ta' madwar il-port ħallew djarhom u bdew ifittxu kenn fl-irħula tal-kampanja. F'Ħal Balzan ħafna mir-refuġjati ġew milqugħa fid-djar tal-Balzanin kif ukoll fil-qasam tal-mużew, fil-każin ta' Marija Annunzjata u fis-sular ta' fuq tal-Każin San Gabriel li hemm fi Triq il-Kbira waqt li isfel baqa' jservi bħala każin bl-attività kollha tiegħu.[3]

**L-Erbgħa, 24 ta' Lulju 1940**

Ittellgħet il-qorti persuna minn Ħal Balzan talli kisret ir-regolamenti tal-*blackout*. Weħlet multa ta' £10 talli nhar is-6 ta' Lulju fid-dar tagħha fi Triq il-Providenza ħalliet dawl li kien jidher minn barra.[4]

**Il-Ħamis, 8 ta' Awissu 1940**

Il-*Protection Officer* Ugo P. Mifsud ifakkar lil dawk ir-refuġjati li għadhom kif waslu fir-raħal jew li beħsiebhom jitilqu jew li diġà telqu biex jgħarrfu b'dan lill-istess *protection officer*, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju li huma kuljum bejn id-9.30am u s-1.00pm u bejn il-5.30pm u t-8.00pm.[5]

**It-Tlieta, 13 ta' Awissu 1940**

Minħabba l-biża' li l-għadu seta' jwaddab il-gas fuq Malta, ġew imqassma lil kull persuna maskli tal-gas. Billi kien hemm min għadu ma jafx jilbishom, *Air-Raid Wardens* ta' dan ir-raħal ġew imqabbda biex jgħinu u jfehmu lin-nies kif jilbsuhom.[6]

**It-Tnejn, 14 ta' Ottubru 1940**

Mil-lum beda jinbiegħ il-laħam fis-silġ, li l-awtoritajiet qassmu f'ċerti ħwienet biss minħabba l-iskarsezza li qed tinħass kawża tal-gwerra. F'Ħal Balzan beda jinbiegħ mingħand Alfred Calleja ta' numru 3 Triq il-Knisja.[7]

**Il-Ħamis, 17 ta' Ottubru 1940**

Bejn il-5 u s-6 ta' filgħaxija saret wirja ta' kif għandhom jiġu użati l-maskli tal-gass tat-tfal, fl-Iskola tal-Gvern ta' Ħal Lija. Il-wirja tmexxiet mit-tabib tad-distrett. Wirja oħra saret is-Sibt, 19 ta' Ottubru.[8]

**It-Tnejn, 16 ta' Diċembru 1940**

Sa nhar l-Erbgħa 18 tax-xahar il-kapijiet tal-familji li joqogħdu Ħal Balzan huma mitluba biex imorru jirreġistraw lilhom u lill-familja tagħhom fl-għassa tal-pulizija, biex jinħarġilhom biljett għax-xiri ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel u oħrajn, li se jibdew ikunu bir-razzjon.[9]

**Is-Sibt, 25 ta' Jannar 1941**

Ġejna mgħarrfa li qed isir ġbir ta' ħwejjeġ biex wara jitqassmu lil dawk li waqgħatilhom id-dar u sfaw b'xejn. Għal dan il-għan infetħu diversi ċentri f'Malta. Dak ta' Ħal Balzan qiegħed fl-iskola tal-Gvern tal-bniet f'Ħal Lija li qed iservi wkoll għaż-żewġt irħula l-oħra.[10]

**It-Tlieta, 11 ta' Frar, 1941**

Bdew jitqassmu l-kupuni għax-xiri ta' sapun tal-ħasil mill-uffiċċju tal-*protection officer* fl-għassa tal-pulizija.[11]

**L-Erbgħa, 12 ta' Frar 1941**

Sa issa ftit huma x-xelters li għadhom tħaffru fir-raħal, u dan meta wieħed iqis in-numru kbir ta' nies li hawn, u li huma l-uniku mezz biex wieħed jistkenn mill-qilla ta' l-għadu. Kien hawn min issuġġerixxa li l-barriera li hawn fi Triq it-Tliet Knejjes tinbidel f'xelter bi ftit spejjeż.[12]

**It-Tlieta, 4 ta' Marzu 1941**

Fl-iskola tal-Gvern ta' Birkirkara bdew jinkitbu dawk l-irġiel Balzanin ta' bejn l-20 u l-21 sena li nqabdu bil-lieva. Dawk kollha li jgħaddu mill-eżami tat-tabib ikun jeħtieġilhom li jerġgħu jirrapportaw l-għada f'Kastilja, għall-eżami finali.[13]

**It-Tlieta, 22 ta' April 1941**

Bdew jinkitbu għal-lieva dawk l-irġiel ta' bejn l-20 u l-24 sena. It-Tlieta 27 ta' Mejju, kien imiss lil dawk ta' bejn l-24 u t-28 sena u t-Tlieta 8 ta' Lulju, lil dawk li għandhom ma nkitbux ta' bejn id-19 u t-30 sena.[14]

**Il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju 1941**

Sar magħruf li l-*protection officer* ta' Ħal Balzan hu Dr. G. Caruana LL.D. u r-*regional protection officer* hu Mr. W.R.E. Wickham.[15]

**L-Erbgħa, 4 ta' Ġunju 1941**

Bdiet issir ir-reġistrazzjoni tal-popolazzjoni ta' dan ir-raħal kif kien beda jsir fl-irħula ta' Malta u Għawdex. Ħal Balzan ġie maqsum fi tliet taqsimiet, dawk li joqogħdu fi Triq il-Kbira ġew mitluba biex imorru jinkitbu fl-uffiċċju tal-*protection officer*. Dawk li joqogħdu f'toroq u fi sqaqien ta' Triq il-Kbira, li jagħtu min-naħa ta' isfel ta' Ħal Lija fid-direzzjoni ta' Birkirkara, riedu jmorru l-għada u dawk li kienu joqogħdu fil-bqija tar-raħal riedu jmorru l-Ġimgħa.[16]

**It-Tlieta, 19 ta' Awissu 1941**

Iż-żejt, xaħam u marġerina bdew jitqassmu bir-razzjon.[17]

**It-Tnejn, 15 ta' Settembru 1941**

Beda x-xogħol ta' ħatt u tbattil tal-postijiet 201, 202 u 203 fi Triq il-Kbira li twaqqgħu bil-bombi.[18]

**Il-Ħadd, 21 ta' Settembru 1941**

Wara nofsinhar waqt *air raid* mill-Ġermaniżi fuq Ta' Qali, intefgħu żewġ bombi fuq Ħal Balzan li ġarrfu żewġ mezzanini fi Triq Idmejda. Dawn ikkaġunaw il-mewt ta' żewġ żgħażagħ Sheila Zammit u Ingliż, il-ħabib tagħha.[19]

**Il-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru 1941**

Saret il-festa f'ġieħ il-qaddisa l-ġdida Santa M. Ewfrazja Pelletier fil-knisja tal-Bon Pastur, kif ukoll l-inawgurazzjoni ta' altar ġdid iddedikat lilha. Dalgħodu sar pellegrinaġġ minn nies ta' H'Attard immexxi mill-Kappillan Dun Mikiel Balzan, u fit-tlieta ta' wara nofsinhar sar diskors fuq il-qaddisa minn Dun Salv. Griscti.[20]

**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 1941**

Ġie ffurmat kumitat f'kull belt u raħal biex jgħin lill-awtoritajiet matul l-emerġenza tal-gwerra. Għal Ħal Balzan il-kumitat hu ffurmat mill-Kappillan Dun F.S. Zahra *Chairman*, Dr. G. Caruana LL.D. *Protection Officer*, Dr. P.P. Galea M.D., is-Sur C.H. Samsom C.M.G., is-Sinjura C.E. De Wolff, Dr. T. Castillo M.D., is-Sur E. Pace, is-Sur V. Muscat, is-Sur C. Camilleri, is-Sur S. Manduca, u mis-Sur A. Darmanin PH.C., Segretarju.[21]

**Il-Ħadd, 23 ta' Novembru 1941**

Il-ħtieġa ta' iżjed nies bħala suldati ġiegħlet lill-awtorità li jestendu l-lieva għal dawk ta' bejn is-16 u s-60 sena. Ir-reġistrazzjoni bdiet u għalqet il-Ħadd, 7 ta' Diċembru. Dawk eleġibbli riedu jirreġistraw f'31 Triq il-Kbira, Birkirkara għand il-Kaptan R.L. Smith.[22]

**Il-Ħadd, 8 ta' Marzu 1942**

Il-qawwiet ta' ajru Ġermaniża jagħmlu attakk li dam sejjer il-jum kollu, immirat l-iżjed fuq l-ajruporti tagħna. Fost il-vittmi li ħallew kien hemm Melita Brincat ta' 50 sena.

**Is-Sibt, 21 ta' Marzu, 1942**

Ġie attakkat bl-aħrax l-ajruport ta' Ta' Qali, b'xi bombi jaqgħu madwar l-irħula tal-qrib fosthom f'Ħal Balzan, fejn ġie milqut il-kunvent tal-Bon Pastur. Waqt dan il-ħbit Ġużeppi Muscat ta' 32 sena kien qed jagħmel xi xogħol ta' tibjid fl-istess kunvent. Suor Paola Agius ta' 73 sena kienet qed iżżommlu s-sellum u kif semgħet id-daqq tas-sirena xtaqet tmur fix-xelter. Ġużeppi xtaq ikompli x-xogħol u għalhekk is-soru baqgħet miegħu. Fil-ħin bomba laqtet il-kunvent u qatlithom it-tnejn.[23]

**Il-Ħamis, 26 ta' Marzu 1942**

Vittma ieħor kien Valent Sammut ta' 33 sena, li miet waqt li kien xogħol il-Furjana. Hu kien ġardinar l-Argotti. Fil-fatt il-Ġermaniżi għamlu tliet attakki kbar fuq il-vapuri li jinsabu fil-port. Matul dawn l-attakki mietu xi nies fosthom Valent u ġew midruba ħafna oħra.[24]

**L-Erbgħa, 1 ta' April 1942**

Matul il-jum waqgħu numru ta' bombi f'inħawi mxerrda ma' Malta, li għamlu ħsarat fi proprjetà privata. Tmien persuni nstabu mejta qalb it-tifrik fosthom Walter Farrugia ta' 43 sena.

**It-Tlieta, 14 ta' April 1942**

Safa mejjet Lorenzo Scicluna waqt attakk mill-għadu.[25]

**It-Tlieta, 28 ta' April 1942**

Ġie maqtul Annunziato Callus ta' 65 sena.

**Il-Ġimgħa, 30 ta' April 1942**

Il-qorti ġie trasferit għall-iskola Primarja tal-bniet fi Triq il-Kbira. Fiha bdew isiru s-seduti tal-Qorti Superjuri u x-xogħol tar-reġistratur.[26]

**It-Tnejn, 4 ta' Mejju 1942**

L-uffiċċju tal-*protection officer* ġie trasferit għall-kappella ta' Santa Marija.[27]

**Is-Sibt, 9 ta' Mejju 1942**

Sfat vittma ta' l-għadu Sister Alexandra Borda ta' 31 sena tas-Sorijiet tal-Karità.

**It-Tnejn, 1 ta' Ġunju 1942**

It-tlett irħula mil-lum bdew jitmexxew minn *protection officer* wieħed is-Sur Jos. M. Vella LL.D.[28]

**Is-Sibt, 6 ta' Ġunju 1942**

Reġa' għandna vittma oħra Antoninette Zammit ta' 18-il sena.

**It-Tlieta, 9 ta' Ġunju 1942**

Is-sitwazzjoni qed teħżien sewwa tant li ħafna mill-ikel hu razzjonat u jekk ma turix il-biljett tar-razzjon tista' tibqa' b'xejn. Illum tħabbar li sa nhar is-Sibt wieħed jista' jmur jirreġistra għand il-*protection officer* għall-permess meħtieġ biex tixtri l-ħalib tal-bott li jingħata biss lil dawk li għandhom a) tfal taħt is-sentejn u għal dan irid jintwera ċertifikat tat-twelid, b) lil dawk l-ommijiet li huma fl-aħħar tliet xhur tat-tqala skond ċertifikat tat-tabib, u ċ) lill-morda skond ċertifikat mediku.[29]

**Il-Ħadd, 19 ta' Lulju 1942**

Għalkemm id-dieqa tal-ġuħ, mewt u tifrik tinħass ma' kullimkien fir-raħal ġie organizzat kunċert kbir u tombla, biex il-flus li jinġabru jmorru b'riżq l-i*Special Constabulary Welfare Fund*. Il-kunċert sar fil-Każin Annunzjata u d-dħul għalih kien ta' 6d (3ċ). Fil-11.00am beda l-logħob tat-tombla li baqa' sejjer sa wara nofsinhar, sakemm beda kunċert kbir ta' biċċiet mużikali. Biss l-akbar ġrajja kienet meta dawk preżenti raw għall-ewwel darba fil-pubbliku l-bandiera Maltija bil-*George Cross* fuqha. Il-bandiera ġiet mikxufa wara diskors li għamel is-Sur F. O'Dea. Dan il-kunċert sar bil-ħidma tas-Sur Duminku Portelli kif ukoll ta' l-Ispettur Milanesi ta' l-i*Special Constabulary* u sħabu li organizzaw wirja żgħira.[30]

**It-Tnejn, 20 ta' Lulju 1942**

Beda x-xogħol ta' ħatt u tbattil tal-postijiet 25 u 26 fi Triq Idmejda, u 138 fi Triq il-Kbira.[31]

**Il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju 1942**

In-nies bdiet tiddejjaq b'ħinijiet twal fix-xelter fejn ġeneralment ma kienet tagħmel xejn ħlief tpaċpaċ jew tgħid ir-Ružarju u talb ieħor. Minn ftit taż-żmien 'l hawn bdiet dieħla d-drawwa li jsiru taħditiet fuq xi suġġett partikolari li jinteressa n-nies. Waħda minn dawn it-taħditiet saret fix-xelter numru 25 fi Triq Idmejda, quddiem il-kunvent tal-Bon Pastur. Il-kelliem kien Ġużè Dimech Debono minn Birkirkara li tkellem fuq il-ħajja tal-Venerabbli Nazju Falzon. It-taħdita bdiet fit-8.30pm.[32]

**Il-Ħadd, 2 ta' Awissu, 1942**

Sar festin fil-Każin San Gabriel b'divertiment varjat b'tombla u farsa bil-Malti, bużulotti, u logħob ieħor. Ħadet sehem ukoll il-Banda tar-R.M.A. Dan kollu sar b'riżq l-i*Special Constabulary Welfare Fund*.[33]

**Il-Ġimgħa, 7 ta' Awissu 1942**

Flok is-Sur Vella bħala *protection officer* laħaq is-Sur Joseph M. Cuschieri.[34]

**Il-Ħamis, 13 ta' Awissu 1942**

Minħabba nuqqas ta' ħalib frisk l-awtoritajiet se jibdew iqassmu ħalib tat-trab. Għalhekk fil-*Victory Kitchen* bdew isiru wirjiet ta' kif jinħall u jinħadem din il-kwalità ta' ħalib. Hawn f'Ħal Balzan dawn il-wirjiet bdew isiru llum f'numru 34 Triq it-Tliet Knejjes. Dan qed isir qabel ma dan il-ħalib jibda jitqassam. Fil-fatt l-ewwel razzjon tqassam fil-21 u t-22 ta' Awissu mill-ħanut tal-ħalib li hemm fil-misraħ.[35]

**L-Erbgħa, 15 ta' Awissu 1942**

Billi nħasset il-ħtieġa li ssir iżjed ekonomija fil-petrol kellu jsir xi tibdil fil-post minn fejn jitilqu l-karozzi tal-linja. B'hekk il-karozzi tal-linja ta' Ħal Lija, li jaqdu wkoll lill-Balzanin bdew jitilqu minn ħdejn Bieb il-Bombi minflok minn fuq Kastilja.[36]

**Il-Ħadd, 30 ta' Awissu 1942**

Wara nofsinhar ġiet iddoqq il-Banda tar-R.M.A. fil-misraħ tal-knisja. Wara l-ewwel parti tal-programm

is-Sur Duminku Portelli u ammiraturi oħra ppreżentaw tazza lis-Surmast Busuttil. Il-preżentazzjoni saret mis-Surmast J. Casapinta msieħeb mis-Sur Ninu Stivala u s-Sur Pawlu Muscat. Wara diskorsi ta' l-okkażjoni li saru mis-Surmast Casapinta u Busuttil kulħadd ġie mistieden fil-bar tal-Każin San Gabriel għal *drinks* fejn kien hemm ukoll il-kappillan u t-Tabib Galea.[37]

**It-Tlieta, 15 ta' Settembru 1942**

Għall-ħabta ta' nofsinhar seħħet diżgrazzja fi Triq it-Tliet Knejjes, ħdejn il-*Victory Kitchen*, li ħalliet mejjet lil Ġużeppi Muscat tfajjel ta' sitt snin. Hu safa maqtul minn trakk li kien mgħobbi bil-ħatab meta kien se jbattal it-tagħbija fil-*Victory Kitchen*. Il-vittma ġie meħud l-isptar għalkemm kien diġà mejjet.[38]

**Is-Sibt, 19 ta' Settembru 1942**

Ġie deċiż li l-medalja tal-*George Cross*, li kienet ippreżentata lill-poplu Malti fit-13 ta' Settembru 1942 tiġi mdawra ma' Malta u Għawdex biex il-poplu jkun jista' jaraha. F'Ħal Balzan kienet għall-wiri fil-Palazz ta' San Anton biex ikunu jistgħu jarawha n-nies tat-tlett irħula. Iċ-ċerimonja bdiet fil-5.00pm meta s-Suprintendent Xuereb imsieħeb minn żewġ pulizjotti daħal fil-palazz iżomm il-*George Cross*, u wara li tah lis-Sur Biasini *Regional Protection Officer*, dan poġġieh fuq *stand* apposta. Qabel ma l-kappillan ta' H'Attard għamel diskors ta' l-okkażjoni t-tfal mill-Iskola tal-Gvern kantaw l-Innu Malti. Wara dan id-diskirs sar ieħor qasir mill-kappillan ta' Ħal Balzan. Wara li tkanta l-*God Save the King* bdiet l-isfilata ta' nies minn quddiem il-medalja li tista' tgħid ma qatgħet xejn sas-7.00pm.[39]

**Is-Sibt, 14 ta' Novembru 1942**

Fil-gazzetta dehret ittra tilmenta fuq il-*Victory Kitchen* li għadha kif infetħet f'rokna ta' sqaq fi Triq il-Providenza. Il-kittieb gerger li din qiegħda mwarrba wisq meta wieħed iqis li kienet diġà nfetħet oħra ftit jardi bogħod fil-bidu ta' l-isqaq f'nofs Triq it-Tliet Knejjes. Il-kittieb gerger li setgħu sabu post ieħor iżjed ċentrali meta għandek tnejn ħdejn xulxin.[40]

**Il-Ħadd, 15 ta' Novembru 1942**

Sar rapport li n-nies qed tgerger għax dak li jbigħ il-pitrolju qed jagħtihom in-nieqes u lil dawk li joqogħdu fit-Toroq Sisner u San Valentinu mhux darba jew tnejn li ħalliehom bla razzjon.[41]

**Il-Ħadd, 31 ta' Jannar 1943**

Kien hawn briju u ferħ kbir għall-aħbar tal-waqgħa ta' Tripli f'idejn l-alleati, rebħa li resqet lejn xulxin mhux biss lill-baned li dari kienu f'pika bejniethom iżda wkoll l-irħula. Dan deher illum meta l-Banda San Piju X ta' Ħal Lija, b'tifkira ta' din il-ġrajja niżlet f'Ħal Balzan, iddoqq marċi mar-raħal kollu. Xi ħaġa li sa ftit ilu lanqas biss konna noħolmuha. L-atmosfera kienet waħda sabiħa l-aktar fil-bnadar li ġabet magħha l-istess banda u bil-folla li nġabret madwarha. Kien hawn min waħħal bnadar mal-gallarija. Intgħoġob ħafna kartellun impinġi minn Wiġi Ebejer li kien juri lil Mussolini b'dirgħajh u riġel wieħed miksur filwaqt li qed jistrieħ ma' kolonna mxaqqa bl-iswastika. Il-banda ġiet mistiedna għax-xorb fil-bar tal-Każin San Gabriel u wara kompliet fi triqitha lejn Ħal Lija minn fejn kienet ġiet.[42]

**Il-Ħadd, 2 ta' Mejju 1943**

Saret il-festa tal-Lunzjata, bl-Isqof Emm. Galea jmexxi l-quddiesa kantata. Il-paneġierku sar minn Dun Karm Diacono. Għal din l-okkażjoni ħadet sehem il-Banda tar-R.M.A., fejn daqqet programm mużikali fil-misraħ tal-knisja taħt it-tmexxija tas-Surmast G. Busuttil. Fl-intervall il-Każin San Gabriel ippreżenta tazza b'tifkira lill-banda.[43]

**Il-Ħamis, 21 ta' Ottubru 1943**

Beda l-ħatt u t-tbattil ta' post numru 18 Triq it-Tliet Knejjes li kien twaqqa' bil-bombi.

**Il-Ħadd, 9 ta' Jannar 1944**

Fis-seduta li saret illum is-soċi tas-Soċjetà San Gabriele qablu li l-isem tas-Soċjetà għandu jsir bil-Malti, *Għaqda San Gabriel*.[44]

**L-Erbgħa, 23 ta' Frar 1944**

Fil-lejl ta' bejn il-bieraħ u llum saret serqa mill-maħżen tal-militar li jinsab ġo Triq il-Wied. Insterqu kwantità ta' żraben, qomos, qliezet u flokkijiet li b'kollox jammontaw għal £299,11s. 8d (Lm399.59c). Is-serqa saret billi ġie żgassat il-bieb tal-maħżen.[45]

**Il-Ħadd, 12 ta' Marzu 1944**

Illum rappreżentanti tal-każini tal-baned u assoċjazzjonijiet oħra kienu miġbura f'Ħaż-Żebbuġ biex jagħtu ġieħ lill-Gvernatur Lord Gort bil-għoti ta' xabla tal-fidda. Dan kien rigal mogħti mill-każini tal-baned u assoċjazzjonijiet oħra fosthom dawk ta' Ħal Balzan. Barra rappreżentanti ta' l-64 Każin u Soċjetà, kien hemm ukoll l-istandardi tagħhom. Iċ-ċerimonja bdiet fit-3.30pm bil-wasla tal-gvernatur li l-karozza tiegħu ġiet miġbuda b'ħabel sal-misraħ minn rappreżentanti ta' l-istess każini. Iċ-ċerimonja spiċċat bi kxif ta' lapida fil-pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ.[46]

**L-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 1944**

Wara nofsinhar saret żjara uffiċjali mill-gvernatur f'Ħal Balzan u f'Ħal Lija. Hu ġie milqugħ fil-*protection office* ta' Ħal Lija mis-Sur Edgar Psaila, il-*protection officer* tat-Tlett Irħula u minn Dun Franġisku Saverju Zahra l-kappillan ta' Ħal Balzan. Wara ġie mlaqqa' mat-Tabib P.P. Galea, mas-Sur Duminku Portelli, l-Ispiżjar Darmenia, mas-Sinjura M. De Wolff u mas-Sinjorina Martha Sant Fournier. Huwa stieden lill-kumitat biex iressaq l-ilmenti tiegħu li jaħseb li jistgħu jkunu ta' interess tant għal Ħal

Balzan kif ukoll għall-gżejjer Maltin. Iż-żjara kompliet fl-iskola tal-Gvern, fejn il-gvernatur ġie milqugħ mis-Surmast is-Sur Joseph Schembri, u minn *guard of honour* magħmul mit-tfal stess. Żar ukoll il-berġa u l-għassa tal-pulizija u niżel fil-kamra tal-maternità li hemm imħaffra fil-blat ta' xelter fil-qrib, il-knisja parrokkjali u l-kunvent tal-Bon Pastur. Aktar tard il-gvernatur ġie mwassal fil-*Melita Hotel* fejn bħala l-mistieden tal-kappillan ta' Ħal Balzan ġie servut it-tè u sarlu festin żgħir. Wara beda ż-żjara tiegħu f'Ħal Lija.[47]

## L-Erbgħa, 2 ta' Mejju 1945

Minn dan il-jum sa nhar il-15 ta' Mejju, f'numru 6 Triq it-Tliet Knejjes kien hemm għall-wiri għamara u oġġetti oħra li nġabru mill-bini li ġġarraf fil-gwerra, jiġifieri post 1b sqaq numru 2 Triq it-Tliet Knejjes fejn kien hemm forn.

## Il-Ħadd, 20 ta' Mejju 1945

Kien jum ta' festa hawn fir-raħal għar-rebħa li l-alleati għamlu f'din il-gwerra li spiċċat ftit jiem qabel. Kważi d-djar kollha kienu mżejnin bil-bnadar u d-dawl. Il-qofol intlaħaq b'dimostrazzjoni kbira ta' ferħ, filwaqt li l-Banda ta' Sant'Elena ta' Birkirkara daqqet mat-toroq bosta marċi brijużi. Ix-xena kompliet tisbieħ bil-bnadar tal-Ġnus Magħquda jperpru quddiem karru trijonfali. Il-karru kien jikkonsisti fi trakk, misluf minn Abraham Muscat, imżejjen bil-weraq u li fuqu kien hemm tifla liebsa libsa bajda bl-aħmar. Xi wħud qalu li l-libsa bajda hi dik tat-tieġ tal-mara ta' l-istess Muscat li m'ilux li żżewweġ. It-tifla kienet tirrappreżenta 'l Malta, bil-*Union Jack* f'idejha, u taħt riġlejha kellha għamla ta' ras Hitler b'serp imdawwar magħha. Kien hemm ukoll wieħed li jirrappreżenta mħallef sejjer jagħti s-sentenza lil Goering bħala wieħed mill-kriminali tal-gwerra. Fin-naħa ta' quddiem tal-karru kien hemm miktub *Malta Invicta*. Kulħadd ċapċap l-iżjed x'ħin il-karru wasal fi Triq il-Kbira u l-imħallef qata' s-sentenza ta' ħtija, u ras Hitler ġiet mogħtija f'idejn il-folla, u t-tfal tistgħu taħsbu x'għamlu biha![48]



*Il-karru li ntuża f'Jum ir-Rebħa 20/05/1945.*

**Referenzi**


1 *Il-Berqa*, 03/05/1940
2 *Ibid.*, 13/05/1940
3 *Ħal Balzan*, Mar/Apr 1976
4 *Il-Berqa*, 25/07/1940
5 *Ibid.*, 08/08/1940, Ugo P. Mifsud kien Prim Ministru ta' Malta bejn l-1924-1927 u l-1932-1933. Għall-ħatra tiegħu ta' *protection officer* ta' Ħal Balzan kien sab oppożizzjoni mill-Partit Striklandjan. Fil-fatt hu kien ħa din il-ħatra fuq bażi volontarja u bla ħlas.
6 *Ibid.*, 13/08/1940
7 *Ibid.*, 11/10/1940
8 *Ibid.*, 10/10/1940
9 *Ibid.*, 14/12/1940
10 *Ibid.*, 25/01/1941
11 *Ibid.*, 10/02/1941
12 *Ibid.*, 22/02/1941
13 *Ibid.*, 25/02/1941
14 *Malta Government Gazette* (M.G.G.) 16/04/1941
15 *Ibid.*, 16/05/1941
16 *Il-Berqa*, 03/06/1941
17 *Ibid.*, 11/08/1941
18 M.G.G., 09/09/1941
19 Gauci G., *Xiehda ta' seklu, L-istorja ta' ħajti fil-moviment tal-ħaddiema*, S.K.S. 2001.
20 *Il-Berqa*, 13/10/1941
21 M.G.G., 19/11/1941
22 *Ibid.*, 20/11/1941
23 Arkivju Parrokkjali Balzan, *Liber Defunctorum*, 1942.
24 Informazzjoni kkomunikata lili mis-Sinjura M. Camilleri.
25 *Ħal Balzan*, Nov/Diċ 1978
26 *Leħen is-Sewwa*, 04/05/1942
27 *Il-Berqa*, 09/03/1942
28 M.G.G., 02/06/1942
29 *Il-Berqa*, 09/06/1942
30 *Ibid.*, 23/07/1942
31 M.G.G., 16/07/1942
32 *Il-Berqa*, 29/07/1942
33 *Ibid.*, 31/07/1942
34 M.G.G., 06/08/1942
35 *Il-Berqa*, 26/08/1942
36 *Ibid.*, 15/04/1942
37 *Ibid.*, 12/09/1942
38 *Ibid.*, 26/05/1943
39 *Ibid.*, 23/09/1942
40 *Ibid.*, 14/11/1942
41 *Ibid.*, 19/11/1942
42 *Ibid.*, 06/02/1943
43 *Ibid.*, 30/04/1943
44 *Ħal Balzan*, Mar/Apr 1976
45 *Il-Berqa*, 15/14/1944
46 *Ibid.*, 14/13/1944
47 *Ibid.*, 14/10/1944
48 *Ibid.*, 23/05/1945, u informazzjoni li waslitli lili mis-Sinjura M. Camilleri.